MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008

Numru. 444/2007

**Il-Pulizja**
**(Spettur Carmel Abdilla)**

**vs**

**Grace Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

Grace Sammut ta' 48 sena bint (il-mejjet) Joseph u Josephine nee` Felice, imwielda Pieta` fis-26 ta' Jannar, 1959 u residenti gewwa Entratura C, Flat 6, Binja tal-Mensija, Triq Oreste Kirkop, San Gwann. Detentrici tal-Karta tal-identita` bin-numru: 111159(M);

Akkuzata talli fl-20 ta' Settembru, 2006 ghall-habta tas-13:30hrs fi Triq Oreste Kirkop, San Gwann, bil-hiseb li tghamel delitt u cioe` li tikkaguna ferita gravi fuq il-persuni

ta' Lanice Azzopardi u Maxime Felice fejn kien hemm presenti wkoll il-minuri Thaise Azzopardi li kienet fil-kontroll ta' Lanice Azzopardi wriet il-hsieb b' atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ppruvat issuq il-vettura taghha u cioe` vettura HAW 984 tal-ghamla Mazda fid-direzzjoni taghhom sabiex itajjarhom.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saqet l-imsemmija vettura HAW 984 ta' l-ghamla Mazda b' manjiera traskurata, negligenti u perikoluza.

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikolu 41(1) u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti inkluz il-fedina penali ta'l-imputata.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet mibjuba kontra l-imputata huma dawk ta' attentat ta' offieza gravi fuq il-persuna ta' Maxime Felice u Lanice Azzopardi li dak il-hin kellha f'idejha lill-bintha minuri Thaise Azzopardi, u ta' sewqan traskurt, bla kont u perikoluz.

Illi x-xhieda principali f'dawn il-proceduri kienu Maxime Felice, Lanice Azzopardi u l-imputata Grace Sammut. Xehedu ukoll l-ufficjal prosekutur u s-surgent li kien ha r-rapport.

Illi fil-qosor il-fatti li wasslu ghal dawn il-proceduri jirrisalu ghal Awissu / Settembru tas-sena 2006 u sehhew fi sfond ta' sensiela ta' battibekki u disgwid bejn il-familja Azzopardi u l-imputata, li joghqodu f'l-istess blokk ta'appartamenti.

Illi fit-30 ta'Awissu 2006 kien hemm incident li fih l-imputata odjerna allegatament giet aggredieta minn diversi membri tal-familja Azzopardi u bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-imputata soffriet griehi u ghamlet gimgha rikoverata l-isptar. L-imputata tallega ukoll li minhabba dan l-incident hija ma baqghetx tghix f'l-appartament taghha imma marret toqghod ghand ommha u li hija kienet tmur biss f'l-appartament taghha biex tiehu l-bzonnijiet taghha.

Illi xi tlett gimghat wara l-incident fuq imsemmi, u cioe f'l-20 ta'Settembru 2006 sar rapport ma' PS 635 Alan Calleja minn Lanice Azzopardi. Dan ir-rapport huwa esebiet (bhala Dok CA1 a fol 17 tal-Process) u minkejja d-diskrepanza fid-data tar-rapport jirrizulta mid-depozizzjoni ta'l-istess surgent li r-rapport fil-fatt sar f'l-20 ta' Settembru minn Lanice Azzopardi.

Illi wara li sar ir-rapport il-pulizija hadu passi (ta' natura sommarja) kontra l-imputata billi akkuzawha b'reati li jikkoncernaw ksur tar-regoli t-traffiku. Wara l-ewwel smiegh fis-seduta "tat-traffiku" il-kaz twaqqaf u kif indikat fid-dokument Dok CA3 (esebiet a fol 19 tal-process) gie deciz li l-proceduri kellhom jergaw jibdew a bazi ta'l-imputazzjonijiet odjerni kif mitlub f' kwerela tal-parte civile.

Illi kien f'dak l-istadju, u wara li l-kaz ghadda f'idejn l-ufficjal prosekutur odjern, li l-imputata giet interrogata u rrilaxxjat l-istqarrija taghha.

Illi l-imputata, fil-waqt li tammetti li hija tmur ta' spiss f'l-appartament taghha u li ghalhekk tghadda minn dik it-triq bil-karrozza taghha, tichad kategorikament dak li qed jigi allegat fil-konfront taghha u li hi qatt pruvat ittajjar lill-parte civile. Anzi hi tghid li, ghalkemm kien hemm battibekki mal-membri tal-familja Azzopardi meta tkun tiela jew jinzla mill-appartament taghha, hi m'ghandha l-ebda konoxxenza ta' xi incident barra fit-triq u bhal dak lilha imputat.

Illi min-naha l-ohra kemm Lanice Azzopardi u Maxime Felice jsostnu dak allegat mill-istess Azzopardi meta

ghamlet ir-rapport u cioe li f’20 ta’ Settembru 2006 fil-waqt li huma kienu fi Triq Oreste Kirkop San Gwann (hdejn vettura pparkjata jistennew biex jigi sidha biex jifthilhom u jidhlu fiha) giet l-imputata bil-vettura taghha, meta waslet vicin taghhom ghafset ghal fuqhom, pero regghet dawwret u kompliet fi triqitha.

Illi rinfaccjata b’dan il-kunflitt il-Qorti hija tal-fehma li ma jezistux provi sufficjenti u ‘l hemm minn kull dubbju ragonevoli li sehh xi incident u li sehh kif allegat mill-parte civile.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata hatja ta’l-impuazzjonijiet mgjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------